# 70 Sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana u l-konsagrazzjoni ta' din il-knisja



Fr Martin Micallef OFMCap

Il-jum tat-12 ta' Marzu 2017, jibqa' jum imnaqqax b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-preżenza tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana. Dan minħabba li f'dan il-jum ġiet ikkonsagrata l-knisja ddedikata lis-Salib Imqaddes, knisja li timmarka wieħed mill-aktar postijiet storiċi fil-lokalità tal-Furjana. F'dan l-artiklu ser naraw kif l-ewwel knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana li tmur lura għall-Kavallieri ta' San Ġwann, ġiet meqruda fit-Tieni Gwerra Dinjija; kif din reġgħet inbniet wara ħafna taħbit; u kif fl-aħħar din il-knisja ġiet ikkonsagrata.

## L-Ewwel Knisja

Il-fundazzjoni tal-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana jmur lura għall-1588 meta l-Gran Mastru Verdala li tħabat ħafna sabiex dawn il-Patrijiet jidħlu fil-gżejjer tagħna, tahom biċċa art 'il barra mis-swar tal-Belt Valletta fil-post imsejjaħ 'Docchara' sabiex hemmhekk jibnu l-ewwel binja għalihom. Id-disinn tal-knisja sar minn Girolomo Cassar. Jidher li l-knisja oriġinali kienet tikkonsisti minn żewġ kappelli, waħda iddedikata lill-Madonna tal-Grazzja u l-oħra lil San Franġisk t'Assisi. Maż-żmien, dawn iż-żewġ kappelli tkabbru u żżejnu aktar bil-għajnuna ta' xi Kavallieri benefatturi tal-Kapuċċini.[1]





Il-bini ta' din il-knisja baqa' dejjem jikber hekk kif fl-1643, il-kappella ddedikata lil Sant'Anna li kienet inbniet biswit din il-knisja mill-Gran Mastru Verdala, ġiet magħquda mal-knisja.[2] Ma' dawn żdiedet ukoll Kappella oħra ddedikata lil Sant'Agata mibnija minn benefattur mhux magħruf, filwaqt li fl-1680 ġiet mibnija wkoll il-Kappella magħrufa tat-Tedeski li fuq l-altar tagħha kien hemm kwadru li juri lill-Madonna tad-Duluri.[3] Wara li fl-1712, il-Papa Klemenet XI ikkanonizza lil Fra Feliċ minn Cantalie, il-Gran Mastru Perellos, bena kappella oħra f'din il-knisja f'ġieħ dan l-ewwel qaddis Kapuċċin.[4] Maż-żmien inbena wkoll il-portiku tal-knisja. Il-knisja, li b'kollox kellha navata waħda fuq ix-

[1] Ara P. Timotju mill-Belt Valletta, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan,* Malta 1955, 25-29.
[2] Ara Ibid., 22.
[3] Ara Ibid., 31-32.
[4] Ara Ibid., 30-31.

xellug tal-korsija, u seba' altari, ġiet ikkonsagrata mill-Isqof ta' Malta Giovanni C. Pellerano fit-18 ta' Novembru 1773.[5]

Dan it-tempju sabiħ iżda safa' mġarraf nhar l-Għid il-Kbir, fil-5 ta' April 1942, waqt ħbit mill-ajru mill-ajruplani Ġermaniżi. Dakinhar il-knisja u l-kunvent iġġarrfu f'radda ta' salib, filwaqt li l-arloġġ mal-faċċata tal-kunvent waqaf bil-munitieri juri 2.33 p.m.[6] Dakinhar kienu ntilfu tant opri sbieħ ta' arti li kienu jżejnu din il-knisja u l-kunvent fosthom, il-kwadru titular impitter minn Filippo Paladini li juri s-sejba tas-Salib Imqaddes, il-kwadru ta' San Franġisk t'Assisi mpitter minn Stefano Erardi u l-istazzjonijiet tal-*Via Sacra* u pittura oħra ta' Santa Filomena mpittra minn Antonio Falzon.[7]



## Il-bini tal-knisja l-ġdida

Sadanitant il-quddies u l-funzjonijiet kollha bdew isiru fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes li hemm biswit il-knisja. Fid-19 ta' Ottubru 1944, il-Provinċjal ta' dak iż-żmien, P. Bernard Galea mill-Ħamrun, li kellu biċċa xogħol kbira sabiex jerġa' jiġbor lill-Patrijiet li kienu nferrxin f'postijiet differenti minħabba li l-kunvent kien imġarrab, għarraf bid-deċiżjoni, li bi ftehim mal-Gvern kellha terġa' tinbena l-knisja u l-kunvent kif kienu qabel.[8]



Wara li P. Bernard temm il-ħidma tiegħu ta' Provinċjal, laħaq floku P. Anton M. Dimech minn Għawdex li kompla jirsisti sabiex jibda x-xogħol tal-bini tal-knisja l-ġdida. Il-pjanta saret mill-Perit Joseph Zammit Bonnet filwaqt li x-xogħol tal-bini kien f'idejn il-kuntrattur Kalċidon Ciantar mill-Marsa. L-ispejjeż kollha tax-xogħlijiet kellha tidħol għalihom il-*War Damage Commission*.[9] F'inqas minn tliet snin wara l-waqa' tal-knisja, jiġifieri, fit-23 ta' April 1947, Mons Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, f'ċerimonja li kienet saret wara nofsinhar, qiegħed l-ewwel ġebla tal-bini tal-knisja l-ġdida. Dakinhar, Mons Arċisqof kien megħjun minn Mons Pawlu Buttigieg u Mons Nikola Mifsud, filwaqt li l-Arċipriet tal-Furjana, ir-Rev. Angelo Ghigo u l-Imħallef V.R. Ganado, Sindku Appostoliku tal-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana, kienu l-Parrini tal-Ġebla. Preżenti għal din l-okkażjoni ta' ferħ kien hemm il-Patrijiet Kapuċċini, Terzjarji u bosta Furjaniżi oħra kif għadu jidher tajjeb fir-ritratti li ttieħdu

[5] L-Irħama tal-Konsagrazzjoni li oriġinaljament kienet imwaħħla fil-knisja, illum tinsab fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana.

[6] Ara Franġisku Azzopardi, "Il-Knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana: 50 Sena mit-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla - L-Ewwel Parti," f'*Dawl Franġiskan* (April 1997): 14-16.

[7] Fuq l-opri tal-arti li kien hemm fil-knisja l-antika tal-Kapuċċini fil-Furjana ara "Kunvent u l-Knisja tal-Kapuċċini tal-Floriana," f' *L-Immakulata* 22 (1913): 351-352.

[8] Ara l-Ittri Ċirkulari tal-Provinċjal P. Bernard Galea mill-Ħamrun fl-Arkivju tal-Patrijiet Kapuċċini, Furjana.

[9] Ara Timotju mill-Belt Valletta, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan,* 163.

għal din l-okkażjoni.[10] Dakinhar, fi tmiem il-funzjoni, l-Arċisqof Gonzi kien għamel diskors tal-okkażjoni, filwaqt li kitba bil-Latin, imħejjija minn P. Lawrenz Ceci, Kapuċċin minn Bormla, u li ġiet traskritta fuq il-pergamena mis-Sur Antonio Agius, ġiet imqiegħda f'tubu tal-ħġieġ u ndifnet fl-ewwel ġebla.[11]

Il-bini tal-Knisja beda tiela' u sa inqas minn sentejn wara dan il-bini kien wasal sa fuq l-arkati. Iżda fil-5 ta' Jannar 1949, il-*War Damage Commission* waqqfet il-fondi li kienet qed tagħti għal dan il-proġett minħabba problemi mal-kuntrattur.[12] Fil-fatt, il-bini dam wieqaf erba' snin u sitt xhur b'mod illi saret ħsara lill-istess bini.[13] Imma wara li fl-1952, P. Pietru Mamo mill-Furjana, laħaq Provinċjal, b'determinazzjoni huwa ried li x-xogħol fuq il-bini tal-knisja jitkompla. Hekk fil-fatt ġara fis-7 ta' Settembru 1953,[14] wara li huwa kien għamel numru ta' appelli għall-għajnuna finanzjarja.[15]



Il-pjanta tas-saqaf saret mis-Sur Ġorg Caruana, Disinjatur Ewlieni tal-Gvern, filwaqt li d-direzzjoni tax-xogħol tħalliet f'idejn is-Sur Nikola Zammit mill-Qrendi u l-Perit, is-Sur Andrea Micallef minn Ħal Luqa. Il-Perit, Prof. Joseph Colombo, offra li jsegwi x-xogħol bla ħlas.[16]

### Il-ftuħ u t-tberik tal-knisja l-ġdida

Il-Knisja l-ġdida tlestiet sentejn wara, jiġifieri, fl-1955. Dan ifisser li issa kienu diġà għaddew kważi tmien snin mit-tqegħid tal-ewwel ġebla. It-tberik tal-knisja l-ġdida sar fil-21 ta' Awwissu 1955. Dan kien jum li l-Patrijiet Kapuċċini, flimkien mal-Furjaniżi u dawk kollha li kellhom għal qalbhom dan il-post, kienu ilhom jistennewh. Hekk naqraw f'nota li nkitbet għal din l-okkażjoni: "Wara ħafna żmien ta' traqqieq il-qalb, il-knisja tal-Kapuċċini reġgħet twaqqfet mit-tiġrif li soffriet fl-aħħar gwerra. Donnha qalet: *Resugrgo* u rnexxielha."[17]

Fl-Arkivju tal-kunvent tal-Furjana, hemm merfugħa l-kronaka ta' dak li seħħ dakinhar. F'din il-kitba, naqraw li ċ-ċerimonja tal-ftuħ u t-tberik tal-knisja bdiet fis-7.30 a.m. u tmexxiet mill-Provinċjal ta' dak iż-żmien, P. Pietru mill-Furjana, li kien assistit minn P. Ewġenju Gatt, Gwardjan tal-kunvent tal-Furjana, u minn P. Tarċisju Gatt, tliet Kapuċċini mill-Furjana, imdawwar minn folla ta' nies. F'din il-funzjoni kien ħa sehem ukoll l-Isqof Kapuċċin, Mons Cirillo G. Zohrabian, Isqof Titular ta' Erzingen, li ġie mistieden għal din l-okkażjoni. Immedjatament wara, ġiet iċċelebrata quddiesa solenni li tmexxiet mill-Provinċjal.



Fis-6.00 ta' filgħaxija, imbagħad, wara li tkanta l-Għasar li tmexxa mill-Provinċjal, saret purċissjoni Ewkaristika mill-knisja Arċipretali

[10] Ara ibid.

[11] Ara Azzopardi, "Il-Knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana: 50 Sena mit-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla": 15.

[12] Ara *Times of Malta,* 20.04.1949. Ara wkoll Timotju mill-Belt Valletta, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan,* 163.

[13] Ara Kronaka tal-Kunvent u l-Knisja tal-Kapuċċini tal-Furjana, Fl-Arkivju tal-Kapuċċini, Furjana.

[14] Ara Ibid.

[15] Ara *Times of Malta,* 30.07.1953; *is-Sebħ,* 15.08.1953, 2.

[16] Ara Kronaka tal-Kunvent u l-Knisja tal-Kapuċċini tal-Furjana, fl-Arkivju tal-Kapuċċini, Furjana.

[17] "Frott ta' Xogħol bla heda," fi *Il-Furjana* (Settembru-Diċembru 1955): 8.

tal-Furjana u ntemmet fil-knisja l-ġdida tal-Kapuċċini. F'din il-purċissjoni ħadu sehem il-Kleru Djoċesan ta' San Publiju, il-Patrijiet Ġiżwiti ta' Sarrija, ir-Reliġjużi u t-Terzjarji tal-Kapuċċini, il-Konfraternitajiet tas-SSmu Sagrament u ta' San Publiju tal-Furjana, u dik tas-SSmu Sagrament tal-Marsa, l-Azzjoni Kattolika tal-Furjana u tal-Marsa, il-*Legion of Mary*, is-Soċjetà Dottrina Cristiana (M.U.S.E.U.M.), is-Sorijiet Franġiskani, is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù msejħin 'Ta' Nuzzu,' u l-membri tal-Każin Vilhena u l-Assoċjozzjoni F.S.O.B.A. (Floriana School Old Boys Association).

Din il-purċissjoni ġiet immexxija mill-Arċisqof, Mons Mikiel Gonzi, kif ukoll minn Mons Cirillo G. Zohrabian, isqof titular ta' Erzingen, li ħa sehem liebes skont ir-Rit Armen, jiġifieri bil-kappa ħadra u l-*omophoreon* aħmar. Meta l-purċissjoni waslet fil-knisja l-ġdida tal-Kapuċċini, sar diskors tal-okkażjoni minn P. Timotju mill-Belt Valletta, Definitur u Segretarju Provinċjali, li bih qanqal lil kull min kien preżenti bil-kelma tiegħu. Imbagħad l-Arċisqof intona l-Innu ta' ringrazzjament, u wara ta l-Barka Ewkaristika.

Qabel il-purċissjoni, il-Filarmonika Vilhena daqqet marċi brijużi fit-toroq ewlenin tal-Furjana, u wara l-Benedizzjoni, esegwit programm mużikali fil-pjazza ta' quddiem il-kunvent. Imbagħad xi d-9.00 p.m. ħdejn is-salib imsejjaħ "Tal-Kapuċċini," fuq is-sur ta' Sant'Anna, intemmu l-festi permezz tal-logħob tan-nar.[18]



Il-pjanta tal-knisja l-ġdida hi differenti minn dik ta' qabilha. Estetikament il-knisja l-ġdida hija akbar u isbaħ, ukoll jekk l-istil arkitettoniku huwa wieħed sempliċi. Is-saqaf hu magħmul minn troll sabiħ bil-lunetti miegħu maħdum fil-ġebla Maltija. Dan jistrieħ fuq sitt pilastri fuq kull naħa tal-korsija, marbutin flimkien b'ħames arkati. Minkejja l-ħlewwa tagħha, iżda, il-knisja "m'għandhiex dak l-ambjent storiku u sagrali li kienet toffri dik ta' qabilha."[19]



Minn ġewwa l-knisja żżejnet b'dak li kien meħtieġ, dejjem fuq stil sempliċi li jaqbel mal-karizma tal-Patrijiet Kapuċċini. Ta' min isemmi hawn l-artal maġġur u s-sitt artali tal-ġnub, filmkien mal-erba konfessjonarji li nħadmu fl-injam tal-ġewż mid-ditta *Ferdinando Perathoner* ta' Ortisei, Bolzano, fl-Italja. Proprju minħabba li l-artal kien tal-injam, jidher li ma kienx hemm il-permess meħtieġ sabiex din il-knisja tiġi kkonsagrata kif kienet ix-xewqa tal-Patrijiet sa mill-waqt tat-tqegħid tal-ewwel ġebla ta' din il-knisja. Hekk naqraw f'nota li ġiet ippubblikata dakinhar tat-tqegħid tal-

[18] Ara Kronaka tal-Kunvent u l-Knisja tal-Kapuċċini tal-Furjana, fl-Arkivju tal-Kapuċċini, Furjana.

[19] Franġisku Azzopardi, "Il-Knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana: 50 Sena mit-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla - It-tieni Parti," f'*Dawl Franġiskan* (Mejju 1997): 15.

ewwel ġebla: "Nixtiequ li Alla jagħti l-grazzja lil Mons Arċisqof li jberikha u jikkonsagraha, u lilna li narawha mitmuma u li nkantaw fiha 'Te Deum'."[20] Kellhom jgħaddu 70 sena wara t-tqegħid tal-ewwel ġebla u 62 sena wara li nfetħet u tbierket il-knisja l-ġdida sabiex isseħħ tassew din ix-xewqa!

## Il-konsagrazzjoni tal-knisja

Kien fid-29 ta' Novembru 2016, waqt Kapitlu Lokali, meta l-fraternità tal-Kapuċċini tal-Furjana ddiskutiet il-possibilità li din il-knisja, flimkien mal-artal, jiġu kkonsagrati. Il-Ministru Provinċjal, P. Martin Micallef OFMCap ressaq din it-talba lill-Arċisqof, Mons Charles J. Scicluna, li aċċetta din it-talba. Id-data miftehma għall-Konsagrazzjoni kellha tkun il-Ħadd, 12 ta' Marzu 2017, it-Tieni Ħadd tar-Randan.

Sadanitant bdew isiru t-tħejjijiet għal din iċ-ċelebrazzjoni. Beda jinħadem wiċċ tal-artal mejda ġdid tal-injam mastizz tal-ġewż. Bdew jinħadmu wkoll tnax-il brazz tal-ħadid sabiex jitwaħħlu mal-pilastri tal-knisja ħalli dawn jinxtegħlu taħt is-slaleb tal-Konsagrazzjoni. It-tnax-il salib tal-Konsagrazzjoni tal-knisja kienu merfugħin fis-Sagristija tal-Knisja. Jidher li dawn kienu saru żmien ilu bil-ħsieb li meta jasal il-waqt, il-knisja tiġi kkonsagrata. Il-forma ta' dawn is-slaleb tal-ħadid huwa salib tat-tmien ponot tal-Kavallieri, imdawrin b'kuruna tar-rand ta' lewn iswed, pariċċ il-linef u l-brazzi, xogħol tal-*ferro battuto*.

Il-Ġimgħa, 10 ta' Marzu 2017, fis-7.00 p.m. saret Velja ta' Talb bi preparazzjoni għall-Konsagrazzjoni. Il-Velja kienet tikkonsisti fit-Talba tal-Għasar tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja, ċelebrazzjoni li ġiet ippreseduta minn Mons Paul Darmanin, Isqof emeritu ta' Garissa, il-Kenja, irtirat u residenti fil-fraternità tal-Kapuċċini fil-Furjana. Matul din iċ-ċelebrazzjoni, il-Kanonku, Dun Jesmond Manicaro, liturġista, għamel riflessjoni fuq it-tifsira u l-istorja tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja.

Numru sabiħ ta' persuni attendew għal din l-okkażjoni bi preparazzjoni għall-Konsagrazzjoni. Armati fuq l-artal ta' Sant'Antnin kien hemm it-tnax-il salib tal-Konsagrazzjoni. Diġà kien qed jinħass il-ferħ fil-qalb ta' dawk preżenti bi stennija għall-jum tal-Ħadd.



L-għada is-Sibt filgħodu, il-quddies kollu fil-knisja sar minn fuq l-artal proviżorju li ntrama quddiem l-artal mejda. Hekk ukoll il-Ħadd filgħodu. Dan kien il-jum tant mistenni, il-jum tat-12 ta' Marzu 2017. Il-qanpiena tal-knisja bdiet iddoqq sa minn kmieni, biex bħal donnha ssejjaħ lill-poplu ta' Alla għal din iċ-ċelebrazzjoni tal-ferħ. Ftit qabel l-10.00 a.m. waslet is-Sinjura Sindku tal-lokalità tal-Floriana.

Ftit wara, imbagħad, wasal Mons Charles J. Scicluna, l-Arċisqof ta' Malta. Jilqgħuh kien hemm il-Ministru Provinċjal P. Martin Micallef OFMCap. Hekk kif l-arloġġ tal-knisja daqq it-tokki tal-10.00 a.m., mis-Sagristija bdiet ħierġa l-purċissjoni tal-quddiesa. Is-servizz liturġiku kien f'idejn l-istudenti l-aħwa Brothers tal-Kapuċċini. Il-konċelebranti flimkien mal-Provinċjal tal-Kapuċċin, l-Isqof Mons Paul Darmanin, Kapuċċin, u l-Arċisqof Mons Charles J. Scicluna li mexxa din iċ-ċelebrazzjoni, resqu lejn l-artal mingħajr ma biesu l-artal mejda kif soltu jsir fil-bidu ta' kull quddiesa. Fuq l-artal kien hemm espost il-kontenitur tal-kristall biż-żejt tal-konsagrazzjoni. Fil-bidu tal-quddiesa, l-Arċisqof bierek l-ilma u niżel iraxxax il-poplu u l-pilastri tal-knisja fejn kienu ser jitwaħħlu s-slaleb tal-Konsagrazzjoni bl-ilma mbierek.

[20] "Kronaka Franġiskana: Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja tagħna tal-Furjana," f'*L-Immakulata* 29 (1947): 108.

Fl-omelija tiegħu, Mons Arċisqof għamel referenza għall-fatt li l-artal ta' din il-knisja huwa tal-injam skont it-tradizzjoni antika tal-Patrijiet Kapuċċini, u sejjaħ dan bħala "sinjal profetiku" filwaqt li xebbaħ dan l-injam mal-għuda tas-Salib li għalih hija ddedikata din il-Knisja.

Wara l-omelija, imbagħad, beda r-rit tal-Konsagrazzjoni. L-ewwel ġiet kantata l-Litanija tal-Qaddisin, li magħha żdied ukoll San Publiju, il-Qaddis Prottetur tal-Furjana, xi ħaġa li ġiet innutata u apprezzata ħafna mill-Furjaniżi preżenti. Wara Mons Arċisqof beda t-talb tal-Konsagrazzjoni. Huwa mbagħad neħħa l-pjaneta bajda li kien liebes, u madwar qaddu libes fardal. Akkumpanjat mid-Djaknu u ċ-Ċerimonier, l-Arċisoqf beda jferra' ż-żejt tal-Konsagrazzjoni fuq il-ħames slaleb imnaqqxin fuq il-wiċċ tal-artal mejda, u wara beda jidlek dan iż-żejt fuq il-wiċċ kollu. Kien waqt impressjonanti tara dik il-kwantità ta' żejt jiġi mferra' fuq il-wiċċ ġdid ta' dan l-artal.



Wara Mons Scicluna għadda sabiex jibda jidlek il-pilastri tal-knisja. L-ewwel ma beda kien mill-pilastru tal-artal, naħa tas-sedja qrib it-taraġ tal-presbiterju. Huwa tela' fuq taraġ li tħejja apposta li ġie trasportat minn kolonna għall-oħra. Hekk kif Mons Mons Arċisqof dilek l-ewwel pilastru biż-żejt, u ħa l-ewwel salib f'idejh, huwa bies is-salib u waħħlu mal-pilastru. Kien mument kommoventi ħafna, meta n-nies b'mod spontanju, infexxew f'ċapċipa kbira sabiex jesprimu l-ferħ li bdew iħossu dak il-ħin. Wara li Mons Arċisqof waħħal is-salib mal-pilastru, waħħal ukoll il-brazz tax-xemgħa.

It-tieni pilastru li kkonsagra Mons Arċisqof kien ta' faċċata tal-ewwel pilastru li kien għadu kemm dilek biż-żejt, jiġifieri, il-pilastru qrib l-ambone. L-istess ferħ tan-nies baqa' jakkumpanja kull salib li beda jitwaħħal, b'ċapċip spontanju u b'sinjal ta' ferħ.

Wara Mons Arċsiqof għadda ż-żejt lil Mons Paul Darmanin li dilek iż-żewġ pilastri l-oħra li hemm fuq il-Presbiterju, dawk li jmissu mal-ħajt tal-faċċata fejn hemm imdendel il-Kurċifiss fuq l-artal maġġur. Huwa beda b'dak tan-naħa tas-sedja u wara dilek dak ta' pariġġu fuq in-naħa l-oħra. Wara Mons Arċisqof għadda ż-żejt lill-Ministru Provinċjal li dilek l-ewwel żewġ pilastri tal-knisja hekk kif tinżel mill-Presbiterju. L-ewwel pilastru kien dak tan-naħa tal-ambone u wara segwa dak tan-naħa tas-sedja.

Il-kumplament tal-pilastri ġew midluka mis-saċerdoti li jagħmlu parti mill-fraternità tal-Floriana: P. Philip Cutajar, P. Leonard Falzon, P. Frans Abela Giusti, P. Charles Cardona, P. Teodosju Meli u P. Anthony Ciangura mill-Furjana li dilek l-aħħar pilastru qrib in-niċċa ta' San Rajmondo.

Wara li tlesta d-dlik tal-pilastri tal-knisja, ġie mqabbad l-inċens fuq l-artal mejda. Mons Arċisqof inċensa l-artal mejda. Wara d-djaknu inċensa lill-Arċisqof, wara lill-Konċelebranti u mbagħad beda jinċensa lill-pilastri li kienu għadhom kemm ġew midlukin biż-żejt tal-Konsagrazzjoni.

Wara li ntmesaħ il-wiċċ tal-artal mejda, dan tlibbes bit-terħa l-ġdida sabiħa bil-bizzilla bajda fit-tarf. Imbagħad tqiegħdu seba' gandlieri b'salib pariġġhom li ġie rregalat għal din l-okkażjoni. Mons Arċisqof xegħel ix-xemgħa tan-nofs, li ntramat apposta għal din l-okkażjoni peress li din kienet quddiesa pontifikali. Imbagħad il-Provinċjal xegħel l-erba' xemgħat tan-nofs, filwaqt li x-xemgħat tat-truf inxtegħlu minn Br Publius Libreri mill-Furjana u Br John Cassar. F'dan il-mument inxtegħlu wkoll il-linef u d-dawl kollu tal-knisja.

Fil-purċissjoni tad-dħul, imbagħad, l-Arċisqof bierek l-irħama ta' tifkira li ġiet imwaħħla



mal-ħajt bejn in-niċċa tal-istatwa għażiża tal-Patrijarka San Franġisk t'Assisi u l-bieb tas-Sagristija. Fuq in-naħa ta' fuq, naħa tax-xellug ġiet imnaqqxa l-arma tal-Ordni Franġiskan b'lewn id-deheb, filwaqt li n-naħa l-oħra ġiet imnaqqxa l-arma tal-Arċisqof Scicluna, bil-kulur. Taħt imbagħad hemm imnaqqax dan il-kliem:

ILLUM 12 TA' MARZU 2017
L-E.T. MONS. CHARLES. J. SCICLUNA
ARĊISQOF METROPOLITA TA' MALTA
KKONSAGRA
DIN IL-KNISJA DDEDIKATA LIS-SALIB
IMQADDES
FIL-FURJANA
LI NQERDET
FIT-TIENI GWERRA DINJIJA FIL-5
T'APRIL 1942
U LI KIENET IKKONSAGRATA GĦALL-
EWWEL DARBA
MILL-ISQOF MONS GIOVANNI
PELLERANO
FIT-18 TA' NOVEMBRU 1773
L-AĦWA MINURI KAPUĊĊINI MALTIN
FLIMKIEN MAL-MINISTRU PROVINĊJAL
P. MARTIN MICALLEF OFMCap
JIFIRĦU U JRODDU ĦAJR
LIL ALLA U LIL MISSIERNA SAN
FRANĠISK
F'DAN IL-JUM TA' FERĦ

Il-quddiesa ntemmet ftit qabel nofsinhar. L-għada t-Tnejn, 13 ta' Marzu 2017, il-Provinċjal qaddes l-ewwel quddiesa fuq dan l-artal fil-quddiesa tas-6.30 a.m. li matulha nxtegħlu x-xemgħat tal-konsagrazzjoni. Il-Ħadd ta' wara, imbagħad, 19 ta' Marzu 2017, fl-10.00 a.m. il-Provincjal mexxa quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla għal din il-grazzja li kien ta, filwaqt li offra din il-quddiesa għall-benefatturi li għenu sabiex setgħet issir din il-Konsagrazzjoni tal-Knisja.